

# EDIH

---

**Network taċ-Ċentri Ewropej tal-  
Innovazzjoni Diġitali**

---

L-ixprunar tat-trasformazzjoni diġitali tal-UE

---

## In-Network taċ-Ċentri Ewropej tal-Innovazzjoni Diġitali (EDIH) jinsab fil-qalba tar-rivoluzzjoni diġitali tal-Ewropa.

Komunità dinamika u pan-Ewropea ta' esperti b'missjoni li jsawwru mill-ġdid ix-xenarju diġitali għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) u għall-organizzazzjonijiet tas-settur pubbliku (OSP).


## L-EDIHs huma xempji ta' għarfien diġitali, u jwittu t-triq għall-SMEs biex jinnavigaw ix-xejriet li qed jinbidlu malajr fid-dinja tal-lum xprunata mit-teknoloġija.

Billi jisfruttaw il-potenzjal tad-diġitalizzazzjoni, in-negożji jkunu lesti biex itejbu l-proċessi tal-produzzjoni tagħhom, jagħtu spinta lill-effiċjenza tagħhom, u jissuperaw il-kompetizzjoni tagħhom.

## L-impenn tan-Network tal-EDIH imur lil hinn mill-ħila diġitali.

Għandu l-għerquq tiegħu f'approċċ konxju u responsabbli għat-twassil ta' servizzi li jrawmu s-sostenibbiltà ambjentali.

Bit-tmexxija tal-Kummissjoni Ewropea, dan l-isforz jgħaqqad aktar minn 200 ċentru ta' innovazzjoni diġitali (EDIHs), imqasma strateġikament madwar l-Istati Membri tal-UE, kif ukoll fl-Iżlanda, fil-Liechtenstein u fin-Norveġja.




Ingħaqad magħna f'dan il-vjaġġ eċċitanti hekk kif insawru l-futur diġitali tal-Ewropa! >>

# Involvi ruġhek


## Kif tista' tgħin biex tinxtered il-kelma dwar in-Network tal-EDIH?



Agħti spinta lin-Network tal-EDIH u lill-missjoni tiegħu billi toħloq u tippubblika artiklu informattiv, blog post li jqanqal il-ħsieb, jew intervista interessanti mar-rappreżentanti tagħna taċ-ċentri tal-innovazzjoni diġitali. Aqsam l-ideat u l-għarfien kreattivi tiegħek mat-tim tagħna.



Stabbilixxi konnessjonijiet bejn l-isforzi tiegħek stess u n-Network tal-EDIH fejn applikabbli (pereżempju, billi turi aħbarijiet rilevanti fuq is-sit web jew il-bullettin tiegħek, billi toħloq ħolqa għas-[sit web tan-Network tal-EDIH](#) fuq il-pjattaforma tiegħek stess, tipparteċipa f'avvenimenti iffukati fuq l-innovazzjoni diġitali jew torganizza tali avvenimenti, u tikkondividi għarfien dwar it-trasformazzjoni diġitali permezz tal-kontijiet tal-media soċjali tiegħek).



Ibda diskussjonijiet dwar in-Network tal-EDIH mal-kollegi, in-networks, u l-partijiet ikkonċernati sħabek, u żgura li l-materjali tan-Network tal-EDIH ipprovdu f'dan is-sett ta' għodod ikunu disponibbli faċilment fil-kanali ta' komunikazzjoni tiegħek.



Appoġġa l-missjoni tan-Network tal-EDIH billi tikkondividi, tippostja mill-ġdid, u tapprova l-kontenut tal-media soċjali relatat miegħu.



Aħtaf kull opportunità biex tippromwovi n-Network tal-EDIH, bli-żu tar-riżorsi pprovdu fis-Sett ta' Għodod tal-Komunikazzjonijiet.

# Materjali tal-komunikazzjoni

Tista' tippromwovi l-missjoni tan-network b'mod effettiv bl-għajnuna tal-Materjali tal-Komunikazzjoni komprensivi Materjali tal-Komunikazzjoni, imfassla biex l-isforzi ta' sensibilizzazzjoni tiegħek iħallu impatt u jinvolvu li dak li jkun.



## Infografika

Ikkondividi l-infografika tagħna fuq il-mezzi tal-media soċjali, is-siti web jew fil-preżentazzjonijiet tiegħek biex twassal informazzjoni ewlenija dwar in-Network tal-EDIH b'mod ċar u konvinċenti.



## Fuljett ta' Servizz

Qassam il-fuljett tas-servizzi informattivi tagħna lill-partijiet ikkonċernati u lis-sħab potenzjali biex jipprovdihom ħarsa ġenerali dettaljata lejn is-servizzi tagħna u l-benefiċċji għall-klijenti.



## Strixxun li Jitrembel

Uri l-istrixxun li jitrembel li jolqot l-għajn f'avvenimenti, konferenzi, jew sessjonijiet ta' ħidma biex tiġbed l-attenzjoni u tqanqal konverżazzjonijiet dwar in-Network tal-EDIH



## Vidjo

Uża l-vidjo bħala għodda ta' involviment biex turi l-ħidma, l-għanijiet u l-istejjer ta' suċċess tan-network li ħallew impatt. Ikkondividi l-vidjo fuq diversi pjattaformi biex tilħaq udjenza usa'.



## Posts tal-midja soċjali

Iffranka l-ħin u l-isforz billi tuża l-kampjuni tagħna tal-posts tal-midja soċjali. Dawn il-posts huma mfassla biex jattiraw l-attenzjoni u jkollhom potenzjal għoli li jiġu kondiviżi, b'hekk ikun faċli għalik li xxerred il-kelma dwar in-network.



## Strixxun għall-email

Inkorpora dan l-istrixxun fil-firem tal-email jew il-bullettini tiegħek biex iżżomm in-Network tal-EDIH fuq quddiem nett f'moħħ il-kuntatti professjonali tiegħek.



## Strixxuni tal-web

Tejjeb il-viżibbiltà tan-network u appoġġa l-missjoni tiegħu billi żżid l-istrixxun tagħna fis-sit web tiegħek.



## Sfond tal-laqqgħat online

Witti t-triq għad-diskussjonijiet dwar in-network matul il-webinars jew il-laqqgħat virtwali billi tuża l-isfond personalizzat tagħna tal-laqqgħat online.

B'dawn il-materjali għad-dispożizzjoni tiegħek, jista' jkollok rwol kruċjali fl-amplifikazzjoni tal-messaġġ u tal-impatt tan-Network tal-EDIH. L-involviment tiegħek b'ħala multiplikatur se jgħin jaċċellera t-trasformazzjoni diġitali, l-innovazzjoni u t-tkabbir madwar l-Unjoni Ewropea.

## Nixtiequ nisimgħu

Jekk teħtieġ parir jew għandek mistoqsijiet dwar dan is-sett ta' għodod, jekk jogħġbok ikkuntattjana fuq:

[info@edihnetwork.eu](mailto:info@edihnetwork.eu)

